## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V MARK ATTARD (KI. 363073M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29/04/2025**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lill- Mark Attard** **Bin Andrew u Rita nee Muscat.Imwieled.21/7/1973. Pieta.**
**ID.363073M** **Toqghod; `Silhouette Crt` P/H 9,Triq Tonin Attard, Marsxalokk.**

**BILLI inti akkuzat talli** fit-18/09/2022 ghall habta ta`12.00hrs f`Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq, waqt li kont qed issuq vettura tal-ghamla HINO (DUTRO) b`chassis Nru.TKG-XZC61OT-TWMMB

(1). Soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta biex tintuza fit-triq (sec.15(1)(a)(3) Chap.65)

(2). Soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(sec.3(1) Chap.104)

(3). Soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellha pjanci tan-numri tar-registrazzjoni. (Sec.32(7) LS.358.02).

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PC 78 (affidavit u *viva-voce*), PC 81 (affidavit u *viva-voce*), Dr. Nadia Vella (illum Maġistrat), Stephen Cachia (affidavit u *viva-voce*), PS 596 Christopher Long, Christian Conti, u tal-imputat innifsu.

Rat l-atti proċesswali.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali rispettivi.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Mill-atti jirriżulta b’mod ċar lill-Qorti illi fil-ġurnata, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qiegħed isuq vettura tal-għamla HINO (Dutro) illi kellha l-kabina tagħha b’*chassis number* li ma kienx reġistrat ma’ Transport Malta (ossia’ TKG-XZC61OT-TWMMB) u l-*frame/chassis* tagħha b’*chassis number* li kien hekk reġistrat ma’ Transport Malta (ossia’ BU1370100173). Kif fisser l-imputat, li jaħdem bħala *panel-beater* u *sprayer,* l-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni

JBJ-916 kienet involuta f'inċident b'mod illi kellha l-kabina tagħha bil-ħsara u għalhekk huwa kien xtara kabina minn barra minn Malta u waħħalha fuq il-*frame/chassis* tal-istess vettura. Huwa argumenta għalhekk illi l-vettura li kien qiegħed isuq kienet liċenzjata ma' Transport Malta għaliex il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ-916 kienet hekk liċenzjata.

Mill-atti jirriżulta illi tabilħaqq l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ-916 kienet reġistrata ma' Transport Malta b'effett mit-13 ta' Settembru 2022 fuq l-imputat u li c-*chassis number* tagħha huwa BU1370100173. Jirriżulta ukoll illi l-ebda vettura bic-*chassis number* TKG-XZC61OT-TWMMB ma kienet reġistrata ma' Transport Malta.

Il-Qorti tqis illi l-importanza ta' *vehicle identification number* jew kif inhuwa magħruf ukoll bħala *chassis number* huwa appuntu sabiex jidentifika vettura mic-*chassis* tagħha. Sabiex numru ikun wieħed li jidentifika vettura (fost il-ftit inqas minn biljun u nofs vettura li hawn fid-dinja l-lum), tali numru jrid ikun wieħed **<u>uniku</u>** ossia' marbut biss ma vettura waħda partikulari. Issa filwaqt li l-imputat kellu kull dritt li jixtri kabina ġdida u jwaħħalha fuq ic-*chassis/frame* tal-vettura bin-numru JBJ-916, daqstant ieħor kellu d-dmir li ġaladarba l-kabina kienet oriġinalment mwaħħla fuq *chassis/frame* ta' vettura barranija u allura kellha *sticker* li turi c-*chassis number* ta' dik il-vettura barranija, jinforma lil Transport Malta b'dan sabiex ikun jista' bl-approvazzjoni tagħha (u x'aktarx bl-involviment tal-kumpanija li timmanifattura l-istess għamla tal-vettura) jottjeni *sticker* ġdida bil-VIN number tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ-916. In-nuqqas tiegħu illi jagħmel dan ifisser li l-imputat kien qiegħed isuq vettura modifikata, b'kabina u magna li jappartjenu għal vettura **<u>mhux reġistrata</u>** u *chassis/frame* li jappartjenu għal vettura reġistrata.

Id-difiża tikkontendi ukoll illi l-akkużi ma jistgħux jissussistu fil-konfront tal-imputat għaliex dawn ħarġu fuq il-premessa – skont huma żbaljata - illi l-vettura li kienet qed tinstaq kellha *c-chassis number* TKG-XZC61OT-TWMMB. Il-Qorti ma taqbilx illi l-Prosekuzzjoni żbaljat f'dan ir-rigward.  In-nuqqas tal-imputat li jinforma lil Transport Malta bil-modifika tal-vettura flimkien man-nuqqas ta' *number plates* (li ma kienux imwaħħlin mal-vettura li kien qed isuq) kien ifisser illi meta twaqqaf l-imputat, l-uffiċjali tal-Pulizija ma kellhomx mod ieħor sabiex jidentifikaw il-vettura għajr illi jimxu skond ic-*chassis number* li kien indikat fl-*isticker* mwaħħla fil-ġenb tal-bieba tal-kabina. Huwa minnu li l-imputat jgħid illi huwa informa lill-Pulizija li seta' jgħollilhom l-kabina biex jaraw in-numru tac-*chassis* minn fuq il-*frame* tal-vettura (li naturalment kien differenti u kien l-istess wieħed tal-vettura bin-numru JBJ-916), iżda dan il-fatt ma joħroġx mix-xhieda tal-Pulizija, ftit li xejn jista' jitqies illi kien prattiku fiċ-ċirkustanzi u fi kwalunkwe każ ma jirriżultax illi f'xi stadju qabel il-preżentata tal-akkużi l-imputat żvela dan il-fatt importanti lill-Pulizija Eżekuttiva waqt l-investigazzjonijiet tagħhom.

Hu x'inhu, jibqa' l-fatt li fil-każ in eżami l-**vettura** tikkonsisti f'kabina bil-magna li tappartjeni għal vettura oħra mhux reġistrata u liċenzjata ma' Transport Malta u *chassis/frame* għal vettura li hija hekk reġistrata u liċenzjata.

Il-Qorti għalhekk tqis illi l-ewwel akkuża ġiet ippruvata skont il-liġi.

It-tieni akkuża ġiet ippruvata ukoll kemm għaliex il-vettura bic-*chassis number* TKG-XZC61OT-TWMMB ma kienetx liċenzjata biex tinstaq fit-toroq Maltin u kemm għaliex fir-rigward tal-vettura bic-*chassis number* BU1370100173 (li kif diġà rajna kellha c-*chassis/frame* tagħha mwaħħla mal-kabina ġdida) u numru ta' reġistrazzjoni JBJ-916 l-imputat kien kopert biss diment li din tkun qegħda tintuża bil-pjanċi tat-*Trial Run* ossia l-pjanċi TR 549. Mill-atti jirriżulta illi l-vettura ma kellha l-ebda pjanċi mwaħħlin wara u quddiem u inoltre fil-ħin in kwistjoni żgur li ma kienetx qegħda tintuża għal skopijiet ta' *trial run* skont il-liġi.

It-tielet akkuża ironikament ma tissussistix mhux għaliex fattwalment ma rriżultax illi l-vettura ma kellha l-ebda pjanċi mwaħħlin iżda għaliex kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02[2] (u l-piena abbinata mar-reat in kwistjoni taqa' taħt Art. 44(7)(d)) ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi.

**Decide**

**Għal dawn ir-raġunijiet filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan ta' vettura li ma tkunx liċenzjata) u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tikkundannah iħallas multa fl-ammont ta' elfejn u erba' mitt euro (€ 2,400). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

[2] Din il-liġi ġiet ikkwotata b'mod żbaljat mill-Prosekuzzjoni bħala 358.02 fl-avviż tal-komparixxi. Madanakollu skont ġurisprudenza stabbilita dan l-iżball ma jwassalx għan-nullita taċ-ċitazzjoni billi l-Qorti m'hijiex marbuta mal-artikolu tal-liġi jew man-numru tal-kapitolu tal-liġi kif ċitati mill-Prosekuzzjoni